MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 70/2013

**Jac Steel Limited**
**C-46665**

**vs**

**Zahra Trading and Properties Limited**
**(C-43571)**
**u b'digriet datat 15 ta' Lulju 2013**
**giet kjamata in kawza is-socjeta'**
**Zahra Limited (C-8010)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija, erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€640.43c) rapprezentanti din is-somma prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A nru: 194/2013 u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez: (1) Illi fl-ewwel lok is-socjeta' rikorrenti ghandha taghti aktar dettalji tat-talba taghha, u dan billi tindika u tesebixxi kopji tal-fatturi relattivi; (2) illi s-socjeta' esponenti mhijiex debitrici ta' dik rikorrenti; (3) is-socjeta' esponenti tirrizerva d-dritt illi tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif ikollha aktar dettalji tat-talba rikorrenti; (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici, datat 5 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu talab li tigi kjamata in kawza s-socjeta' Zahra Limited;  ra d-digriet tieghu datat 15 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet (1) illi l-ammont mitlub mhux dovut u t-talbiet attrici huma 'nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan ghaliex is-socjeta' esponenti qatt ma akkwistat xejn minghand is-socjeta' attrici; (2) illi *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talba rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi s-socjeta' rapprezentata minnu tissuplixxi xoghol ta' azzar u xbieki li jintuzaw fil-qasam tal-kostruzzjoni.  Illi ghamel referenza ghal zewg fatturi, li kopja taghhom tinsab esebita a fol. 19 tal-atti, li minnhom jirrizulta l-materjal li gie kkonsenjat, liema konsenji saru fid-19 ta' Frar, 2010 u 23 ta' Frar, 2010 rispettivament. Illi saru diversi tentattivi sabiex is-socjeta' attrici tottjeni hlas minghand is-socjeta' konvenuta, izda dawn kienu lkoll inutili, ghaliex is-socjeta' konvenuta bdiet tqajjem hafna skuzi, ghalkemm kienet anke ghamlet offerta li ssir tpaccija ma' konkos, izda dan il-ftehim baqa' ma sehhx, u ghalhekk giet proposta din l-azzjoni.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ kjamata in kawza ddikjara illi ghalkemm jaf bl-ezistenza tas-socjeta’ attrici, qatt ma sar negozju maghha, madanakollu, jaf li t-tfal tieghu – li huma azzjonisti u diretturi fi hdan is-socjeta’ konvenuta – xtraw xi affarijiet minghandha. Illi dwar il-fatturi li in bazi taghhom giet proposta din l-azzjoni, l-istess rapprezentant tas-socjeta’ kjamata in kawza ddikjara li qatt ma kien rahom qabel l-udjenza u li ma kienx qed jaghraf la l-kaligrafija u lanqas il-firem ta’ min ircieva l-konsenja tal-materjal fuq id-dokumenti in kwistjoni. Illi salv ghall-avviz tat-talba odjerna, s-socjeta’ kjamata in kawza ma kienet irceviet ebda att gudizzjarju iehor minghand is-socjeta’ attrici.

Ikkunsidra,

Illi fl-ewwel lok jehtieg illi tigi ttratta l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza, u dan *ai termini* tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jistabilixxi terminu preskrittiv ta’ tmintax (18)-il xahar. Illi l-ittra ufficjali li jidher li giet intavolata mis-socjeta’ attrici – u li kopja taghha giet pprezentata mis-socjeta’ kjamata in kawza u li tinsab a fol. 34 tal-atti – saret fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, u hija datata 25 ta’ Jannar, 2013. Illi mill-istess kopja ma jirrizultax meta giet notifikata lis-socjeta’ konvenuta, ghaliex ma gietx ipprezentata l-kopja tar-riferta relattiva. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi giet ipprezentata ebda ittra gudizzjarja fil-konfront tas-socjeta’ kjamata in kawza, u r-rapprezentant tal-istess socjeta’ kjamata in kawza ddikjara illi ma rcieva ebda att gudizzjarju iehor ghajr ghal dak tat-talba odjerna. Illi ghalhekk u tenut kont illi l-materjal ta’ kostruzzjoni jidher illi gie mibjugh u kkonsenjat fi Frar, 2010, filwaqt illi din l-azzjoni giet proposta fit-22 ta’ Frar, 2013 u notifikata lis-socjeta’ kjamata in kawza fl-4 ta’ Novembru, 2013, allura jsegwi illi tali azzjoni in kwantu rivolta fil-konfront tas-socjeta’ kjamata in kawza hija effettivament preskritta. Illi t-Tribunal jinnota illi s-socjeta’ attrici ma ghamlet u resqet ebda sottomissjonijiet dwar l-applikabilita’, *o meno,* ghall-kaz odjern tal-provvediment tal-ligi specifikament indikat mis-socjeta’ kjamata in kawza, u gialadarba mill-provi jidher illi t-transazzjoni kienet wahda ta’ bejgh bl-imnut, allura s-subinciz in kwistjoni huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ din l-eccezzjoni u jiddikjara li t-talba tas-socjeta’ attrici, in kwantu rivolta fil-konfront tas-socjeta’ kjamata in kawza, hija preskritta.

Ikkunsidra,

Illi dwar it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija, erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€640.43c) in kwantu rivolta fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, it-Tribunal josserva illi l-provi mressqa mill-partijiet kienu fqar hafna, anzi kompletament mankanti *da parti* tas-socjeta’ konvenuta li ma ressqet assolutament ebda provi salv ghal nota b’estratt mis-sit elettroniku tal-Malta Financial Services Authority bid-dettalji tas-socjeta’ kjamata in kawza (a fol.21 tal-atti). Illi l-uniku ness guridiku li rrizulta bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta hija in bazi ta’ dak dikjarat mir-rapprezentant tas-socjeta’ kjamata in kawza, li ddikjara li jaf li uliedu – li huma azzjonisti u diretturi fi hdan is-socjeta’ konvenuta – kienu xtraw xi materjal minghand is-socjeta’ attrici. Illi dwar in-numru ta’ registrazzjoni tal-VAT riportat fuq il-kopji tal-fatturi li jinsabu esebiti a fol.19 tal-atti – li incidentalment huma indirizzati lil “Zahra Limited”, u cioe’ s-socjeta’ kjamata in kawza u mhux dik konvenuta – mill-atti processwali ma jirrizultax f’isem min huwa rregistrat; izda li jirrizulta mill-atti huwa li dan in-numru m’huwiex in-numru ta’ registrazzjoni tas-socjeta’ kjamata in kawza ghaliex minn kopja tar-*return* li giet esebita mill-istess socjeta’ kjamata in kawza (a fol.38 tal-atti), jirrizulta li n-numru ta’ registrazzjoni tas-socjeta’ Zahra Limited huwa differenti minn dak indikat fuq il-kopja tal-fatturi li in bazi taghhom tressqet din l-azzjoni.

Illi ghalkemm dan it-Tribunal ghandu jiddecidi dwar it-talba tas-socjeta’ attrici in bazi ta’ bilanc ta’ probabilita’, u ghalkemm is-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda provi, madanakollu, kien jispetta lis-socjeta’ attrici li fi kwalunkwe kaz tressaq l-ahjar provi possibbli dwar il-kreditu spettanti lilha, ladarba l-azzjoni giet ikkontestata mis-socjeta’ konvenuta. Illi t-Tribunal ghandu biss quddiemu zewg fatturi li in bazi taghhom giet proposta l-azzjoni, li madanakollu jsejhu s-socjeta’ kjamata in kawza, u mhux dik konvenuta. Illi mill-kumplament ma tressqu ebda provi ohra, salv ghal dikjarazzjoni tar-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici li ddikjara li sar il-bejgh ta’ materjal lis-socjeta’ konvenuta fid-dati indikati fuq il-fatturi, minghajr ma identifika bl-ebda mod min – ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta – ghamel l-ordni jew ircieva l-konsenja. Illi dan oltre illi, kif ‘gia gie rilevat ripetutament aktar ‘l fuq, is-socjeta’ li lilha huma ndirizzati l-fatturi, hija socjeta’ kummercjali totalment separata u distinta minn dik konvenuta. Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta’ konvenuta kkontestat il-kawza u eccepiet illi hi m’hix debitrici tas-socjeta’ attrici, allura kien jispetta lis-socjeta’ attrici li tressaq provi aktar konvincenti illi l-bejgh u konsenja tal-merkanzija in kwistjoni saret specifikament lis-socjeta’ konvenuta.

Illi fin-nuqqas ta’ produzzjoni ta’ provi konvincenti da parti tas-socjeta’ attrici in sostenn tat-talba taghha – partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-isem tas-socjeta’ kummercjali ndikata fuq il-fatturi mhux dak tas-socjeta’ konvenuta – it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, u konsegwentement ser jichad it-talba tas-socjeta’ attrici in kwantu rivolta fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa’ l-eccezjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza, u qed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa’ wkoll l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk qed jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------